# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBÀ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 57**

9 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

SKUŻAT:-
0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

## M I N U T I

Is-Sindku DSH ppresediet il-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

57.1.1 Ma kienex hemm ittri t' apoloġija.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

57.2.1 Tressqu l-minuti tal-laqgħa miżmuma fl-10 ta' Diċembru 2018 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel.

57.2.1.2 Il-Viċi Sindku VB talab li ssir korrezzjoni f' :-
55.3.5 fis-sens li dawn ma kienux Norwegian Funds iżda ingħataw minn Reġjun Xlokk;
55.10.1 fis-sens li data tal-attivita' ndikata mis-Sur Publio Tonna kella tkun 20 ta' Jannar 2019 u mhux 27 ta' Jannar 2019 u dan wara li s-SE ikkonfermatha mal-Arċipriet;
55.10 fis-sens li Triq San Franġisk kella taqra Pjazza Robert Samut;
55.3.11 fin- Nota: 5.10pm Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata għandu jiżdied il-kliem u mexxa l-laqgħa il-Viċi Sindku VB.

57.2.1.3 Il-Kunsillier JAE talab li f' 55.3.11 jiżdied 'Mozzjoni Nru 3 tal-Laqgħa Nru 30 tat-12 t' April 2017'.

57.2.1.4 Il-Viċi Sindku VB ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati, issekondat mill-Kunsillier AD.

57.2.1.5 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4(DSH, VB, JAE, AD, AGS)

Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

57.2.2 Tressqu l-minuti tal-Laqgħa Straordinarja miżmuma fid-19 ta' Diċembru 2018 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel.

57.2.2.1 Il-Viċi Sindku VB ppropona l-approvazzjoni tal-minuti issekondat mill-Kunsillier JAE.

57.2.2.2 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4(DSH, VB, JAE u AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AGS).

Il-Kunsillier AGS infurma li r-raġuni għalfejn kien qed jastjeni mill-minuti kienet minħabba l-fatt li kien skużat għal din il-laqgħa.

57.2.3 Is-Sindu rreferriet għall-artiklu 55.3.11 u qalet li kienet ikkomunikat mal-Malta Today biex titkellem mal-ġurnalist Karl Azzopardi fis-7 ta' Diċembru 2018 u fl-14 ta' Diċembru 2018 fejn ġiet infurmata li ma kienx hemm, għalhekk eżerċitat id-dritt ta' right of reply liema risposta qratha preżenzjalment :-

*'Reference is made to the article written on the Maltatoday portal, dated 7th December by Karl Azzopardi, entitled "Councillor says nobody ready to take ownership for damaged Granaries".*

*In the mentioned article, Mr Azzopardi wrote that the Nationalist Minor Leader James Aaron Ellul complained that "partisanship was also getting in the way of a genuine call form improvement" and in the same article he quoted Mr Ellul stating that "of all the events held on the square, it's only when a PN event is held that Labour Councillors are keen for all the rules to be abided by. The rest of the events are held with minimal restrictions. This is a blatant lack of consistency.*

*To make facts clear, I always draw the attention of all organisations including major events held on the granaries. My duty is to safeguard Floriana and I have always done this with utmost integrity since the first day I was elected as a representative of the Floriana residents.*

*Moreover, in our last council meeting held on 10th December, I asked Mr James Aaron Ellul to confirm the comments regarding the partisanship and he strongly replied that probably the journalist has misquoted him since he never used those words. In such circumstance, I am still trying to understand whether it was a genuine mistake by the journalist or not. I leave it up to the readers to come up with a conclusion.'*

57.2.3.1 Il-Kunsillier JAE staqsa dwar l-istess artiklu cioe' 55.3.11 fejn irrimarka li kien tkellem dwar il-Mozzjoni Nru3 tal-4 t' April 2017 waqt l-intervista mal-Malta today u li ssuġeriment mis-SE dwar l-użu tal-Fosos kien trressaq f' Awwissu 2018. Tenna li dak li semma fil-mozzjoni kien japplika għal postijiet fil-Floriana kollha u mhux biss għall-użu tal-Fosos.

57.2.3.2 Staqsa jekk kienx sar appuntament mal-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici u s-Sindku DSH qaltlu li l-Onorevoli Ministru Bonnici kien imfakkar fuq dan.

## 57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 **Bye Law dwar il-Fosos**

Is-Sindku DSH rreferiet għal Bye Law dwar il-Fosos li l-Kunsill kien ressaq fl-2011 u li kien ġiet rifjutata mill-Gvern ta' dakinhar.

**Nota: 17:20 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

Qrat l-abbozz u rriżulta li kien hemm imsemmija fih affarijiet li kellhom bżonn li jkunu riveduti fosthom materja li huma r-responsabilità tal-Pulizija bħal per eżempju s-sound checks.

**Nota 17:22 Il-Kunsillier AGS irritorna għal-laqgħa.**

Il-membri preżenti qabblu mar-rimarki tagħha u ser tiġi organiżżata laqgħa biex din tiġi riveduta fejn jiġi mistieden ukoll l-Avukat tal-Kunsill.

**Nota: 17:25 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

Il-membri preżenti qabblu li għanda tintalab garanzija bankarja kontra l-ħsarat; li m'għandhomx jitilgħu fuq il-fosos l-ebda tip ta' vettura ħlief għal fork lifter żgħir.

57.3.2 **Justin Attard**

Is-Sindku DSH rreferiet għal-proposta li ressaq Justin Attard permezz tal-avukat tiegħu u l-laqgħa li kella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-proposta mal-Awditur Ġenerali (AĠ) fil-21 ta' Novembru 2018 kif ukoll għall-laqgħa miżmuma mal-Awditur Ġenerali (AĠ).
Wara komunikazzjoni mal-AĠ, kif kien mitluba fil-laqgħa preċedenti, l-uffiċju tal-AĠ formalment irrikomanda li din il-materja għand tiġi diskussa mad-Direttur tal-Gvern Lokali (DGL) (Moniteraġġ)
Għalhekk ser tintalab laqgħa mad-DGL biex din il-materja tiġi diskussa.

**Nota 17:40 Il-Kunsillier AGS irritorna għal-laqgħa.**

57.3.3 **Rapporti dwar ġrieden**

Wara li saru diversi rapporti dwar ġrieden, ġie nnutat li l-istess nies li qed jirrapurtaw dan huma prinċipalment l-istess nies li jgħalfu l-ħamiem illegalment u dawk li jitimgħu il-qtates f' żoni partikolari u li jħallu l-ikel li ma jittikilx mill-qtates hemm flok jiġbruħ.
Il-ġrieden qed jagħmlu festa minn dan l-ikel li ma jittikilx.
Għalhekk la dawn qed jippersistu ser jintbagħat Community Officer biex għalissa jwissihom kemm biex ma jgħalfux l-ħamiem kif ukoll sabiex l-ikel li jħallu l-qtates sa nofsiegħa wara irid ikun inġabar minnhom.

57.3.4 **Rikostruzzjoni ta' Culvert biswit il-Fosos**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri li d-DGL kien għadu kemm irrifonda lil-Kunsill €16,672.98 għal xogħol b' emerġenza ta' rikostruzzjoni li kien għamel il-Kunsill ta' water culvert eżatt qabel il-Karnival tas-sena l-oħra.
Kompliet li peress li għad qed isir xogħol fuq il-mains tal-ilma, culverts u oħrajn, it-tarmak ma jistax jingħata għalissa sakemm isiru testijiet neċessarji, fil-waqt li l-knisja għandha tiehu ħsieb li jsiru għotjin għat-toqob tal-armar tal-festa.

57.3.5 **Cladding mal-bini tal-bażi marittima tal-Forzi Armati ta' Malta.**

Is-Sindku DSH rrimarkat dwar il-korrispondenza eletronika li bagħat il-Kunsillier AGS lill-Kunsill fejn kien qed jallega li l-artiklu dwar il-cladding li deher fuq iNews u fit-Torċa kienu saru bl-għajnuna ta' xi ħadd mill-Kunsill.
Is-Sindku DSH infurmatu li dawn ittellgħu kelma b' kelma, wara li l-minuti approvati, anki minnu stess, tal-laqgħa Nru. 54 miżmuma fl-14 ta' Novembru 2018 kienu ttelgħu fuq il-website tal-Kunsill skont il-liġi.
Irrimarkat li hemm ġurnalisti li xogħolhom hu li jsegwu l-Kunsilli Lokali minn fuq il-websites uffiċċjali u li fil-fatt fl-istess edizjoni kien hemm ukoll artiklu li rrigwarda l-Kunsill Lokali tal-Imdina.
Il-Kunsillier AGS ma kienx konvint peress li l-ġurnalist semma żewġ laqgħat li mhux indikati fil-minuti u li xorta jsostni li r-raġuni tal-kulur tal-cladding hi redikola.
Is-Sindku DSH rrispondiet li fil-minuti hemm miktub li l-Kunsillier AGS ma setax jattendi l-ewwel laqgħa u t-tieni waħda ġiet imħassra, filwaqt li nġiebu l-minuti oriġinali relattivi.
Peress li l-Kunsillier AGS kien għadu mhux konvint, is-Sindku DSH qaltlu li fuq kollox dejjem għandu right of reply.

## 57.4 Rapporti

57.4.1 **Laqgħa Publika Annwali**

Tressaq ir-rapport tal-Laqgħa Pubblika Annwali miżmuma fis-17 ta' Diċembru 2018 liema rapport kien ġie iċċirkolat minn qabel.

57.4.1.1 Il-Viċi Sindku VB ppropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport, issekondat mill-Kunsillier AD.

57.4.1.2 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4 (DSH, VB, JAE, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AGS)

Il-Kunsillier AGS informa li kien qiegħed jastjeni mill-approvazzjoni ta' dan ir-rapport peress li kien skużat għal din il-laqgħa.

57.4.2 **Pjan ta' Ħidma 2019 -2021**

Is-SE infurmat lill-membri li ser tippreżenta l-Pjan ta' Ħidma 2019 – 2021 fil-laqgħa li jmiss peress li kien għad jonqos xi dettalji minn naħa tal-Accountant tal-Kunsill.

57.4.3 **Xogħol fi Triq Sant' Anna**

Il-Kunsillier JAE ilmenta dwar xogħol ta' kaf kaf li qed isir fi Triq Sant Anna, ix-xogħol miexi bil-mod ħafna, mhux skont is-sena u ż-żebgħa mifqugħa.

Għandu jibgħat ritratti ta' dan sabiex ikun infurmat is-Segretarju Parlamentri l-Onor. Dr Deo Debattista.

57.4.4 **Talba biex issir mera Triq l-Imħażen kantuniera ma' Triq il-Miratur**

Tressqet talba biex ssir mera mingħajr dewmien fi Triq l-Imħażen kantuniera ma' Triq il-Miratur biex it-traffiku jimxi b' mod aktar sikur f' dawn l-inħawi.

Il-membri preżenti qabblu unanimament ma din ir-rikjesta.

57.4.5 **Cat Cafes**

Il-Viċi Sindku għarraf lil dawk preżenti li kien attenda għal-laqgħa organizzata mill-Animal Welfare Department li għaliha 3 Kunsilli biss attendew fejn ġie suġġerit li dawk il-Kunsill u l-feeders li jieħdu ħsieb jitimgħu l-qtates u jnaddfulhom u jarmawlhom cat cafes għandhom jiġu kumpensati.

Staqsa fiex wasal il-mastrudaxxa fiż-żewġ cat cafes ordnati.

Intant sal-lum id-Direttur tal-Animal , wara diversi tentattivi, għadu ma ltaqax mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss id-dog park fil-Floriana

## 57.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Ma kienx hemm rapporti.

## 57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

57.7 **Approvazzjoni - Skeda ta' Pagamenti**

57.7.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 46/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel il-laqgħa.

57.7.1.1

Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ndikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

57.7.2 **Approvazzjoni - Skeda ta' Petty Cash**

57.7.2 Is-Sindku DSH ippreżentat l-aħħar skeda ta' petty cash datata 8 ta' Jannar 2019.

57.7.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier AD u ssekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-infieq mill-Petty Cash, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

## 57.8 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

.

## 57.9 Offerti pubbliċi

57.9.1 **Proġett ta' tisbieħ tal-Ġnien Re George V**

57.9.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri preżenti li t-Tender tar-Renovation of Public Convenience in King George V Recreational Grounds, Floriana (FLC/T/6R/2018), reġa' ġie publikat u ser jagħlaq nhar il-Ġimgħa.

57.9.1.2 Intant il-Kunsill qed jistenna Engineer li jiffinalizza l-ispesifications tat-tender tas-sistema eletrika, filwaqt li ser jintalbu kwotazzjonijiet għal provista u stalazzjoni għal CCTVs, u ser jerġa' joħroġ it-tender tac-Civil Works peress li ħadd ma tefa' offerta.

57.9.1.3 Il-membri unanimament qablu li dawn it-tenders u l-kwotazzjonjiet jiġu publikati għall-iqsar żmien permessibli (15-il ġurnata) sabiex jiġu aġġudikati malajr kemm jista' jkun.

57.9.1.4 Qablu wkoll li l-membri ta' dawn il-bordijiet t' aġġudikazzjoni jkunu l-Vici Sindku VB, il-Kunsillier AD u s-Sur Marco Cassar filwaqt li s-Sur Kenneth Brincat jitqabbad bħala espert.

57.9.1.5 Intant, il-Kunsill għadu qed jistenna li jiġi finalizżat il-konċessjoni tal-gabbana fl-istess ġnien.

57.9.2 **Qbid ta' Ħamiem**

57.9.2.1 Il-Kunsill qed jerġa japprova unanimament il-kontinwazjoni tal-qbid tal-ħamiem u ser jipprova jiffoka fuq in-naħa fejn hemm l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar.

57.9.3 **Kwotazzjoni għal sistema li tipprepara l-formola tal-FS7**

57.9.3.1 Intalbet kwotazzjonji għal sistema kompatibbli ma' tal-Kunsill li tipprepara l-formola tal-FS7 skont kif rikjest mid-Dipartminet tat-Taxxi.

57.9.3.2 Il-membri preżenti approvaw unanimament li l-Kunsill jixtri din is-sistema mingħand Technosoft.

## 57.10 KORRISPONDENZA

57.10.1 **Talba għal-parkeġġ riservat mill-Ambaxxata Taljana**

L-Ambaxata Taljana li tinsab fil-Floriana talbet li jkollha 4 spazzji ta' parkeġġi għall-istaff tagħha tul il-ħin tal-uffiċċju, waqt laqgħa li saret fl-20 ta' Diċembru 2018 mas-Sindku DSH.
Il-membri preżenti kkunsidraw li din ġia għandha 4 spazzji ta' parkeġġi allokati fi Triq Vilhena, filwaqt li tennew il-problema akuta ta' nuqqas ta' spazzji ta' parkeġġ partikolarment a dannu tar-residenti. Innotaw ukoll kemm hu viċin il-parkeġġ tal-MCP filwaqt li jistgħu jużaw il-Park and Ride jew il-ground tal-Floriana Football Club.
Ġie rimarkat li mhux permessibli li impjegati tal-ambaxxata ma josservawx il-Bye Law dwar il-Parkeġġ fil-Floriana.

57.10.2 **Parkeġġ allokat għal Corinthia (Ewropa Centre) minn Transport Malta (TM)**

TM infurmat lill-Kunsill li kienu ser jiġu allokati żewġ spazzji ta' parkeġġ favur il-Corinthia biswit l-Ewropa Centre.
Ġie nnotat li hemm ġia hemm spazju ta' parkeġġ meħud favur il-Bank of Valletta.
Is-Sindu DSH rrimarkat li jrid ikun hemm imqar spazzju wieħed allokat għal-Cash Van tal-Corinthia.
Il-membri preżenti qablu li ssir komunikazzoni ma Transport Malta f' dan is-sens.

57.10.3 **Assoċċjazzjoni Publju ta' Malta – Talba għal Reflectors**

L- Assoċċjazzjoni Publju ta' Malta kitbet lill-Kunsill fil-5 ta' Jannar 2019 sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jiġu provduti reflectors li jdawwlu t-toroq waqt purċissjoni li din l-għaqda se tagħmel biex testendi l-festa liturġika ta' San Publju fit-22 ta' Jannar 2019.
Il-membri preżenti staqsew x' tip ta' reflectors qed jirreferu għalihom u għalhekk ser tintbagħat korrispondenza lill- Assoċċjazzjoni Publju ta' Malta biex jiġi ċċarat x' għandhom bzonn eżatt.
Il-Viċi Sindku VB nnonat li diversi għaqdiet lokali qed jinqasmu u jifformaw għaqdiet oħrajn, magħmula mill-istess nies, b' għan li jikkwalifikaw - b'kollaborazzjoni - għal aktar fondi mill-Kunsill.
Il-Kunsillier JAE irrimarka li l-fondi tal-Kunsill huma limitati.
Il-Membri qabblu li hekk kif tasal ir-risposta, tinħareġ Memo interna.

57.10.4 **Klabb tal-Boċċi**

Fit-23 ta' Diċembru 2018, il-Klabb tal-Boċċi talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi organiżżat tournament b' risq l-Istrina.
Il-membri preżenti staqsew għal xiex intużaw dawn il-fondi ie €150.
Il-Sindku ser tindaga u wkoll jekk il-flus li nġabbru hux ser jintefgħu ma' tal-Kunsill.

57.10.5 **Lokazzjoni ta' Difibrilators fil-qrib**

AED Malta kitbu lill-Kunsill biex għarrfu fejn jinsabu l-Automatic External Defibrillators (AED) f' Malta w Għawdex liema apparat isalva ħajjet in-nies u talbu li mappa ndikata tiġi a konjizzjoni tal-komunita' Furjaniża.

Il-Kunsill ser jinfroma din l-għaqda li hemm AED fl-iskola primarja tal-lokal ukoll.

57.10.6 **Festivals Malta – Użu tal-Futbol Grawnd fil-Ġnien Re George V**

Festivals Malta kitbu lill-Kunsill fis-7 ta' Jannar 2019 sabiex jaraw jistgħux jużaw l-imsemmi grawnd mid-29 ta' Ġunju 2019 sat-1 ta' Lulju 2019 bħala main stage.

Il-membri preżenti rrimarkaw li probabli dan il-grawnd ikun għadu kemm sar ġdid u għalhekk aħjar ma jintużax bħala stage.

Il-Kunsillier AGS qal li hu rikomandat li dan it-tip ta' grawnd jintuża biss għal mhux aktar minn 10 siegħat fil-ġimgħa.

Innotaw li f' dan l-istess perijodu jkun qed jiġi organiżżat l-Isle of MTV fil-Floriana wkoll.

**Nota 6.25pm Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata filwaqt li mexxa l-laqgħa l-Viċi Sindku VB**

57.10.7 **Aċċess minn Triq Emvin Cremona għal Pjazza Sant' Anna**

Wara li Transport Malta kienet ikkonċediet għal xahar bi prova li kull tip ta' vettura tkun tista toħroġ minn Triq Emvin Cremona dritt għal Triq Sant' Anna, il-partijiet l-oħra li wrew interess f' din cioe' Malta Properties, l-Awtrorita' tal-Ippjanar u Finco Trust - li kienu talbu biex dan l-aċċess staqsew x' ser jiġri issa li għadda x-xahar.

**Nota 6.28pm Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa**

Il-Kunsill ser jikkomunika ma' TM biex jara jekk din il-konċessjoni hiex ser tibqa jew hux ser ikun hemm estensjoni ta' dan il-perijodu.

57.10.8 **Proposta għal Suq tal-Artiġjanat**

Wara li s-Sindku DSH kienet ppreżentat rikjesta sabiex jibda jinżamm suq fil-beraħ ta' prodotti artiġjanali fil-Floriana imressqa minn Zen D'Amato Gautam wara li kienet saret laqgħa magħha biex isir magħruf il-proposti dwar dan is-suq, illum il-membri tal-Kunsill iltaqgħu mas-Sinjura D'Amato Gautam u 2 oħra. Fil-fatt illum dawn preżentaw proposti totalment differenti minn dawk prezentati fil-laqgħa ta' qabel. Illum proponew eco-market fejn jinbiegħ ikel, ħwejjeġ użati u detergenti.

Il-membri kkunsidraw li jekk ser ikunu qed jinbiegħ ikel, allura kien ser jinħoloq konflitt t' interess ma' min ikun qed jiġestixxi l-gabbana fl-istess ġnien u li żgur jkun hemm riperkussjonjijiet legali kontra l-Kunsill.

Anke l-fatt ta' bejgħ ta' ħwejjeġ ma niżlitx tajjeb mal-membri.

Ikunsidraw ukoll li din il-ġimgħa stess il-Kunsill ser jattendi laqgħa mtella mill-AKL dwar swieq fil-beraħ kif ukoll li dan il-Ġnien ser ikun għaddej minn tisbieħ fix-xhur li ġejjin.

Għalhekk il-membri unanimament qabblu li għalissa ma jilqgħux din it-talba u li din il-proposta għanda titressaq lill-Kunsill elett f' elezzjoniet ta' Mejju li ġej.

57.10.9 **Insurance – Personal Accident – Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL)**

Tresqet proposta mibgħuta mill-AKL fil-5 ta' Jannar 2019 sabiex il-Kunsill jabbona f' insurance ta' tip Personal Accident.

**Nota: 6.35pm Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

Il-membri iddiskutew il-vantaġġi tagħha.

**Nota: 6.40pm Il-Kunsillier AGS irritorna għal-laqgħa.**

Il-membri preżenti iddeċidew li kulħadd għandu jkun abbonat fiha, bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier AGS li ma riedx jabbona.

L-AKL għanda tiġi notifikata b' dan.

**Nota Talba għal tibdil fl-ordni tal-laqgħa mill-Kunsillier JAE**

Il-Kunsillier JAE għarraf lill-membri preżenti li kellu bżonn jitlaq mil-laqgħa minħabba mpenn ta' xogħol, u talab li tinbidel l-ordni tal-laqgħa fir-rigward tal-materji 57.14, 57.15 u 57.18.
Il-membri preżenti m' oġġezzjonawx li tinbidel l-ordni tal-laqgħa u bdew jiġu diskussi l-materji kif mitlub.

**57.14** **St Patricks Day 2019**
Is-Sindku DSH semmiet il-meeting li ser isir mal-Club tal-AJA fl-14 ta' Jannar 2019 u li l-Kunsill ser jikkolabora mal-AJAX biex isir din iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum St Patrick's sa massimu globali ta' €3000, taħt il-kundizjonjiet maħruġa mill-Pulizija.

**57.15** **Il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tal-Nar tal-Art Mekkaniżżat**
Is-Sindku DSH semmiet l-abbozz tal-ftehim li ntbagħat mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu (AMT) u nstab li kien hemm xi punti ambigwi.
Għalhekk intalbet laqgħa li ser issir fil-15 ta' Jannar 2019 biex dawn il-punti jiġu ndirizzati.

**57.18** **Kampanja *Qalb Ħanina, Qalb Furjaniża***
Għandu jkun magħruf l-ammont miġbur waqt din il-kampanja inkluż l-ammont miġbur waqt il-carol singing. Għanda ssir laqgħa bejn il-membri sabiex jaraw kif ser jinqasam l-ammont miġbur filwaqt li l-preżentazzjoni issir f' Jum il-Floriana fis-26 t' April 2019 fis-Sala Robert Samut.

**Nota: 6.45pm Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.**

57.10.10 **Trasport Pubbliku lejn il-Belt Valletta fi żmien il-Karnival**
Il-membri preżenti qabblu li bħal snin qabel, meta Triq Sarria tkun magħluqa fi żmien il-Karnival u t-trasport pubbliku jgħaddi minn Triq Sant' Anna, ikun hemm bus stop fejn il-bank APS.

57.10.11 **Ġnien il-Mall**
Is-Sindku DSH rrimarkat dwar id-dlam li hemm fi Ġnien il-Mall.
Il-vandali kissru d-dwal li kien hemm. Pero' jekk isir dawl minn fuq arbli ser ikun mitluf bid-dell li joħolqu s-siġar. Jekk ikunu mixgħula l-monumenti li hemm, din il-problema tissolva.
Il-membri talbu li ssir laqgħa mal-Onorevoli Ministru Dr José Herrera sabiex din il-materja tiġi ndirizzata.

57.10.12 **Il-Kapuċċini fil-Floriana**
Wara li l-Kapuċċini tal-Floriana ġew infurmati li għalissa l-Kunsill ma setax jikkolabora magħhom dwar il-ktieb li qalu li jridu jippublikaw 2020, issa talbu li l-Kunsill jikkolabora magħhom fin-Novella tal-Madonna tar-Rużarju.
Il-membri preżenti qalu li ma jistax ikun li l-Kunsill jintalab jikkolabora f' kull attività li għaqdiet lokali, kemm soċjali kif ukoll reliġjużi, jorganizzaw.
Ġie nnotat li fiż-żona tal-Kapuċċini, il-Kunsill riċentement irsista biex sar reserved parking ħdejn ir-rampa biswit il-Knisja, biex saru l-gradilji mal-brażuni tal-kanuni u biex inżabbru s-siġar ta' dawn l-inħawi.
Issa talbu wkoll li jitneħħhew is-siġar li hemm f' din il-pjazza biex jikber il-parkeġġ/ pjazza.
Il-membri preżenti unanimament ma' qabblux li jitneħħew siġar minn hemm.

57.10.13 **Infrastructure Malta (IM) – Tarmak**
Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li IM hija lesta li tagħmel tarmak fi Triq Sarria, Triq San Publju u parti minn Triq San Tumas; Triq San Franġsik, Triq V Dimech u Triq il-Kapuċċini.
Saret talba biex issir Triq il-Mall liema xogħol jiswa madwar €89,000. IM trid li x-xogħol isir a spejjez tal-Kunsill inizjalment, u wara IM timborsa l-Kunsill għal dan ix-xogħol ta' tarmak fi Triq il-Mall bir-rati stabbiliti fil-Framework 2018 jew jekk hemm, bir-rati stabbiliti fit-tender relattiv ma' dawn i-xogħolijiet. Dan ix-xogħol irid jkunu ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill qabel jiġi onorat il-ħlas.

57.10.14 **Stallazzjoni ta' Mera – Triq il-Miratur ma' Triq l-Imħażen**
Is-Sindku DSH resqet talba minn xi residenti biex isir mera bejn Triq il-Miratur kantuniera ma' Triq l-Imħażen.
Il-membri preżenti qabblu li din issir.

**57.11** **4th Qrt Financial Statements**

57.11.1 Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart.

57.11.2 Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni sabiex dan ir-rapport jiġi approvat, issekondata mill-Viċi Sindku VB.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4(DSH, VB, AD, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**57.12** **Performance Appraisals**

Tresqu l-Performance Appraisals tal-impjegati tal-Kunsill li ġew proċessati u approvati unanimaent mill-membri tal-Kunsill.

**57.13** **Festa Liturġika ta' San Publju**

Il-preparamenti għal din l-okkażjoni miexjin. Minn għada jinħarġu l-inviti filwaqt li ġew ordnati il-mementos għal familjari ta' dawk il-Kunsilliera li mietu sal-lum kif ukoll għall-kompetizjoni tal-fotografija.

Ir-ritratti sottometti għall-kompetizzjoni tal-fotografija ta' Ġenna ta' Ġonna, ser jintwerew f' esebizzjoni li ser tittella għall-okkażjoni.

**57.16** **Il-Proġett tal-Ġnien Re George V**

Is-Sindku nfurmat lill-membri preżenti li tħejjija għal dan il-proġett miexja u bdew jiġu aġudikati t-tenders, ieħor ser jinfetaħ il-Ġimgħa waqt li xi oħrajn tal-aħħar waslu biex jiġu publikati.

**57.17** **Bozoz fi Triq Sant Anna**

Is-Sindku DSH semmiet li s-settijiet tal-bozoz li jżejnu Triq Sant Anna għandhom bżonn dawra u rrikomandat li dawn jissewew jew jinbidlu.

Għalhekk ser jintalbu kwotazzjonijet relattivi għal dan ix-xogħol.

**57.19** **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għal Ġimgħa, 8 ta' Frar 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din id-data kienet maqbula qabel ma' l-Kunsillier JAE ħareġ mill-laqgħa.

**Konfermati, llum 8 ta' Frar 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv